**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 31 – IT-TNEJN 24 TA' AWISSU 2009**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekutiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tletin (30) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li wasslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-28 ta' Lulju u l- 24 ta' Awissu 2009.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1825/09. Konferma ta' ittra li bagħat il-Kunsill Lokali dwar il-kuntratt għas-Servizzi Klerikali.

2.3. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2011/09. Fuq talba ta' xi residenti, il-Kunsill Lokali applika biex jestendi l-iskema tal-parkeġġ għar-residenti fi Triq Dwardu Cachia.

2.4. Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 2038/09. Il-Kunsill Lokali bagħat email ta' ringrazzjament lill-Prim Ministru dwar *"l-Enforcement"* li sar f'18, Lorraine Cottage, Triq il-Wied wara li l-Kunsill kien ilu jilmenta u jagħmel pressjoni għal ħafna żmien.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn it- 28 ta' Lulju u l- 24 ta' Awissu 2009, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru.4222581 dwar persuna li staqsiet jekk hi jew il-Kunsill jistgħax iwaħħal tabella dwar rimi ta' skart wara li persuna tefgħet 'r-rubbish' ħdejn id-dar tagħha fi Triq ir-Razzett L-Aħmar. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.3 Rigward ilment 8222576 dwar Bowser tal-petrol li qiegħed jiġi pparkjat fi Triq Anton Buttigieg; il-Kunsill sejjer ikellem lis-sid tiegħu.

3.4 Rigward ilment 40222589 dwar vettura li ilha pparkjata fi Triq Anton Buttigieg; il-Kunsill ħa passi u informa lill-Gwardjani Lokali biex jinvestigaw.

3.5 Rigward ilment 2422595 dwar linja safar quddiem store li qiegħed fi Triq Geronimo Abos, kantuniera ma' Triq Ġużè Galea; Din il-linja safra tħalliet biex tagħmilha aktar faċli biex vannijiet iħottu l-merkanzija.

3.6 Rigward ilment Nru. 1522596 dwar ħasil ta' karozzi fi Triq il-Klin li qed jikkawżaw ħafna ilmijiet; il-Kunsill sejjer jinvestiga.

3.7 Rigward talba Nru. 07822657 biex it-tabelli tar-Residents Parking jeħlu wkoll fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Mons. P.P. Saydon; dawn saru skond ftehim mal-ADT u ma jistgħux jinbidlu.

3.8 Rigward talba Nru. 07122963 biex issir *"barrier"* fil-liwja fi Triq il-Wied; il-Kunsill għal dan l-iskop diġa għamel ordni biex jinstalla tabella li turi "bend" u li taħdem bis-solar energy.

3.9 Rigward ilment Nru. 07522968 dwar kaptelli mkissrin quddiem stabbiliment fi Triq Naxxar; il-Kunsill sejjer jieħu passi u jibidilhom.

3.10 Rigward ilment Nru. 0223147 dwar siġar ta' mal-Bypass tan-naħa ta' l-Iklin peress li ffulaw ħafna; il-Kunsill għadu jistenna lil ta' l-Agrikoltura li suppost kellhom jiġu f'Lulju; issa ġejjien il-Ħamis 27 ta' Awissu.

3.11 Rigward ilmenti Nru. 06123202 u 05323203 biex jinżabru s-siġar ta' Triq A. M. Caruana u Triq Gharghur (ħdejn Sqaq Giarda) dawn sejrin isiru il-Ħamis 27 ta' Awissu wkoll.

3.12 Rigward ilment Nru. 05323230 biex jintefa' l-velenu minħabba ħafna ġrieden fi Trejqet ir- Rumanzieri. Il-Kunsill diġa ħa passi.

3.13 Rigward ilment Nru. 05523232 fuq is-siġar li qed jisporġu fuq il-bankina fi Trejqet Poeti; il-Kunsill diġa kellem lis-sid u jekk jibqa' ma jagħmel xejn, jerġa jkellmuh.

3.14 Rigward talba Nru. 053223230 biex jintefa' l-velenu fi Trejqet ir- Rumanzieri għaliex hemm ħafna ġrieden; il-Kunsill diġa ċempel lil tar-Rodent Section.

3.15 Rigward ilment Nru 05523232 biex jinqatgħu s-siġar li qed jisporġu fi Trejqet il-Poeti; il-Kunsill sab min hu s-sid u ċempillu u tah erba' t'jiem żmien biex jieħu passi.

3.16 Rigward ilment Nru. 05323294 dwar karozza mgħottija fi Triq Patri Marjanu Vella li qed tokkupa post ta' parkeġġ. Biex il Kunsill jiehu passi. Bagħtna rapport li Gwardjani Lokali biex jinvestigaw.

3.17 Rigward ilment Nru. 0723321 dwar Van tal-ħaxix ipparkjat il-ġurnata kollha faċċata tal-Maypole fi Triq il-Wied u li qiegħed jiehu ħafna postijiet. Il-Kunsill għadda r-rapport lil-Awtorita' kompetenti.

3.18 Rigward ilment Nru. 10023392 dwar bankina fi Triq Patri Anastasju Cuschieri li ma tkomplitx fil-parti ta' l-aħħar u għandha ħafna ħofor. Il-Kunsill ma setgħax jispiċċaha għaliex il-ħaddiema mill-Ministeru ttieħdu x'mkien ieħor.

3.19 Rigward ilment Nru. 04223452 minn resident li qala' ċitazzjoni minn ħdejn tal-Maypole ghaliex kien hemm van tal-ħaxix jieħu ħafna parkeġġ tal-parking-bays. Il-Kunsill bagħat l-ilment lil-Awtorita' kompetenti.

3.20 Rigward ilment Nru. 06423460 dwar il-ħmieġ tal-klieb madwar il-bankina tal-Knisja biex nieħdu passi u nibgħatu Warden fil-għodu kmieni u titnaddaf. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

3.21 Rigward talba Nru. 09323464 biex isir 'refreshing' quddiem garage biż-żebgħa safra fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

3.22 Rigward ilment Nru 06223501 dwar bankina mkissra fi Triq Prinjol; il-Kunsill ħa nota tagħha.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat C.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah l-Kunsillier Ronald Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq Rendikont ta' Jum L-Omm 2009 li saret fit-8 ta' Mejju 2009. L-ispiża għall-Kunsill laħqet €3 biss.
Rendikont ieħor kien ta' Jum L-Iklin 2009 li saret fit-13 ta' Ġunju 2009. L-ispiża għall-Kunsill laħqet is-somma ta' €403.

4.4 Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

## 5. MATERJI KONNESSI MA'L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 05125/08, sit fi Triq il-Wied. Proposta biex tinbena semi-detached villa. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.3 Dwar PA 01237/09 Shalom, 13, Triq May Butcher. Biex jiġu approvati l-pjanti ( tal-bitħa ta' wara) tal-maisonette t'isfel. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 03034/09 Biex jiġu approvati alterazzjonijiet ġewwa u barra ġo bungalow diġa approvata, semi-basement garaxx u swimming-pool. Plot 3, Villa Oleander, Iklin Valley.
PA 03054/09. Tibdil fl-użu minn bitħa għal-garaxx biex jiġi mgħaqqad ma' garaxx eżistenti 27, Triq Ġuże Ellul Mercer.

PA 01760/09. Tibdil minn parti minn garaxx għal ħanut taż-

żebgħa u twaħħil ta' tabella u parti mil-garaxx jibqa' għal użu

privat. Majjorkin, Triq l-Klin.
PA 03331/09. Bini ta' parkeġġ addizzjonali fuq sit diġa eżistenti. Carpark fi Triq San Mikiel.
PA 03336/09 Tiġdid ta' permess PA 3480/06, bini ta' Uffiċċini, garaxxijiet, tabella, ħażna ta' żebgħa ġo ġaraxx u workshops. Bitmac Ltd, Tal-Balal, Ix-Xwieki.
PA 03444/09. Applikazzjoni "Outline Development" tal-ħanut eżistenti. Store u residenzi fuq, parkeġġ fil-basement, ħanut semi-basement, ħanut fuq sular wieħed, uffiċċini u penthouse. Bdil minn attivitajiet residenzjali għal kummerċjali. The Model Shop, Triq Geronimo Abos.

5.5 Il-Konsulent tekniku tagħna talab biex nagħmlu oġġezzjoni fuq dawn l-applikazzjonijiet:
PA 03444/09 The Model Shop Triq Geronimo Abos.
PA 03336/09 Bitmac Ltd, Tal-Balal, Ix-Xwieki.

## 6. FTUH TAL- UFFIĊINI TAL- KUNSILL LOKALI NHAR TA' SIBT.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għall- Memo 46/2009 hawn fuq imsemmi u qal li kemm is-Seġretarju Eżekuttiv , is-Sur Alfred Naudi kif ukoll is-Sinjura Charmaine Cunningham, Assistent Uffiċċjal Prinċipali, aċċettaw li jidħlu jaħdmu is-Sibt biex ir-resident jkun jista' jinqeda` s-Sibt ukoll.

6.2 Dan l-istaff jingħata kumpens ta' "*Time-Off in Lieu*" u jittieħed fost il-ġimgħa.

## 7. IL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT TA' BEJN APRIL/ĠUNJU 2009.

7.1 Is-Sur Patriick Caruana, l-Accountant ta' Kunsill, ippreżenta dan ir-rapport ta' l-ewwel tlett xhur tas-sena finanzjarja 2009.

7.2 Hu ta spejgazzjoni dettaljata tad-dħul u infiq .

7.3 Is-Sindku irrimarka fuq item 3300 " Community and hosptality' fejn il-figura kienet qed tlaħħaq €4834.19 meta fil-verita' minn dan l-ammont il-Kunsill kien daħħal €3279.83 mingħand il-parteċipanti ta' dawn l-attivtajiet.

7.4 Għaldaqstant is-Sur Caruana sejjer jaqsam l-ammont ta' infiq ta' €4834.19 f'żewġ ammonti, €3279.83 spejjez irkuprati skond id-dħul item 0021, u l-bilanċ ta' €1584.36 spejjez direttament tal-Kunsill għal dawn l-attivtajiet.

7.5 Kulħadd qabel ma din il-proposta. Għaldaqstant is-Sur Caruana sejjer jagħmel l-amendi neċessarji.
Ir-Rapport wara ġie approvat unanimament.

8. **ATTIVITAJIET KULTURALI F'SETTEMBRU.**

8.1 Is-Sinku Anthony Dalli irrefera għal-Memo 42/2009 u ħabbar lil-Kunsill Lokali tagħna sejjer jipparteċipa f'din l-iskema dwar "Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010".

8.2 Hu ħejja dan il-programm:
Issir serata "poetika" fil-Kappella ta' San Mikiel l-aħħar Ħamis ta' Settembru
Ħarga kulturali għall-Imdina f'Settembru; din tkun bejn il-5.00pm sad-9.00pm
Ħarġa għal Kemmuna w'immoru l-Blue Lagoon, ġurnata il-baħar fuq lanċa.

Id-dati għad iridu jiġu ikkonfermati.

9. **ATTIVITAJIET FIL-PIXXINA NAZZJONALI TAL-QROQQ.**

9.1 Is-Sur Dalli qal li wara lil-Kunsill Lokali kien akkwista fondi mingħand is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sports, hu kien qed iħajjar diversi qagħdiet mil-lokal tagħna biex jagħmlu użu mil-Pixxina Nazzjonali.

9.2 Diġa kien hemm rispons mingħand l-Iscouts tal-Iklin, attivita' li saret nhar il-Ħamis 20 ta' Awissu

9.3 Hu kien qed iħajjar lill-Kappillan tal-Parroċċa tagħna biex jibgħat it-tfal ta' l-għaqdiet u sejjer ikellem lis-Segretarju tal-Lija/Iklin Football Youth Nursery biex huma wkoll jagħmlu użu mill-Pixxina.

10. **KOMPETIZZJONI KUNSILL NADIF.**

10.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li aħna bħala Kunsill sejrin nippartteċipaw ukoll f'din il-kompettizjoni b'sensiela ta' attivitajiet: matul ix-xahar ta' Settembru.

10.2 Għal dan l-iskop sejrin inqabbdu kumpanija biex tieħu ħsieb l-istampar ta' Posters.
Sejrin inġibu "open skips" kull nhar ta' Sibt bejn it-8.00am u 12.00pm. Dawn jitqiegħdu f'diversi toroq madwar l-Iklin.
Nagħmlu kuntatt mal-Wasteserv biex jiġu hawn jagħmlu esibizzjoni fuq l-iskart u l-indafa.
Fit-18 ta' Ottubru nipparteċipaw fil-"Fiera ta' Solidarjeta" li sejra twaqqaf il-Parroċċa billi norganizzaw 'stand' bit-tema Ambjent u Ndafa. Għal din l-okkażjoni sejrin nesibixxu ritratti ta' xogħlijiet li saru fl-Iklin.

Sejrin ukoll inqassmu leaflets inħabbru l-attivitajiet kollha u

naghħmlu  Posters ħdejn il-Bring-in sites.
Norganizzaw Puppet Show għat-tfal bit-tema 'ndafa' u 'ambjent'. Jista' wkoll jitqassam xi materjal edukattiv. Kien hemm suġġeriment ukoll biex norganizzaw kompetizzjoni tat-tpinġija għat-tfal ż-żgħar.

10.2 Is-Sur Dalli talab wkoll lill-Kunsilliera li jekk għandhom xi suġġeriment ieħor dan jgħadduh lis-Segretarju.

**11. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

11.1 Is-Sindku irrefera għal "Premju Anżjan tas-Sena 2009' li kien qed jorganizza d-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunita'. Hu talab lil-Kunsilliera li jekk jafu b'xi ħadd li għandu l-kwalifiki neċessarji jressqu l-isem lill-Kunsill għal konsiderazzjoni

11.2 Irrefera wkoll għal stqarrija li ħareġ is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu biex waqt il-perijodu 8 ta' Settembru u l-15 ta' Settembru minn jista' jtella' l-bandieri fejn din l-attivita' issir fuq skala nazzjonali u b'hekk noħolqu "Ġimgha tal-Bnadar" kull sena.

Il-Kunsill bi ħsiebu jipparteċipa u jħajjar lir-residenti wkoll.

**12. AĠĠORNAMENT**

12.1 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.5pm u sar qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar t-Tnejn 14 ta' Settembru 2009 fil-5.30 pm.

Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 14 ta' Settembru 2009 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv. |